

Brussell, 24 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13975/22
ADD 1

ENV 1060
AGRI 577
FORETS 104
PECHE 416
POLMAR 67
PI 138
ONU 125
RECH 562
CADREFIN 187

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 24 ta' Ottubru 2022

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13784/1/22 REV 1

Suġġett: Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB):

- Il-ħmistax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 15) għall-KDB
 - L-għaxar laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà (COP-MOP 10)
 - Ir-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-KDB li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom (COP-MOP 4)
 - (Montreal, il-Kanada, 7–19 ta' Diċembru 2022)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill
= Dikjarazzjoni
-

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż dikjarazzjoni mill-Ungerija, rigward il-konklużjonijiet tal-Kunsill approvati mill-Kunsill fl-24 ta' Ottubru 2022.

Id-dikjarazzjoni ser tiddaħħal fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

L-UNGERIJA

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u d-dritt primarju, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u l-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett tal-ġeneru bħala dak li jipprovdi opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel.

Fir-rigward tal-paragrafu 8 tal-*Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB)*, l-Ungerija tiddikjara li l-appoġġ għall-adozzjoni tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill ma jistax jiġi interpretat bħala appoġġ għall-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għal wara l-2020. L-Ungerija ma tixtieqx tantiċipa l-eżitu tan-negozjati li għadhom għaddejjin rigward il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għal wara l-2020. Billi l-kontenut finali tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għadu mhux magħruf, għalhekk l-Ungerija tirriżerva d-dritt li tiffirma l-pożizzjoni finali tagħha mal-adozzjoni uffiċjali tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għal wara l-2020 f'dan ir-rigward.

